# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAL-24 TA' FRAR 2022

**Kawża Numru: 12**

**Rik. Ġen. 537/2020 RGM**

**Salvatore Cutajar f'ismu proprju u ghan-nom tal-Kumpanija S.C. & Company Ltd.**

**vs.**

**Ir-Registratur tal-Qrati Civili, Tum Investment Limited, l-Avukat Michael Grech u l-Avukat Richard Galea Debono għal kull interess li jista' jkollhom u b'digriet moghti fis 17 t'Awwissu, 2020 ġew kjamati in kawza l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Salvatore Cutajar proprio et nomine** ippreżentat fit-2 ta' Lulju, 2020 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

Illi in segwitu ghas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti (fl-ismijiet **Tum Invest Limited vs. S.C. & Company Ltd** (Rikors Numru 594/2019[1] GM) inharget taxxa ta' drittijiet u spejjez gudizzjarji (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A') fejn gie llikwidat il-hlas ghad-drittijiet ta' l-avukati u l-prokuraturi legali rispettivi tal-partijiet fil-kawza hawn fuq citata.

Illi r-rikorrenti jixtieq jattakka din it-taxxa bhala irregolari u konsegwentement inattendibbli stante illi l-metodu ta' ntaxxar uzat mir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali kien eronju u definittivament mhux preciz.

Illi r-rikorrenti ma jaqbilx mal-metodu ta' likwidazzjoni maghmul mir-Registratur dwar id-drittijiet ta' l-avukati u prokuraturi legali rispettivi in konnessjoni ma' l-istess kawza u jikkontendi illi tali ntaxxar ma kellu qatt isir ad valorem izda minflok fuq punt ta' ligi.

Illi, t-taxxa ma setghet qatt tigi kkalkolata skont il-metodu uzat mir-Registratur, li evidentament ikkalkula t-taxxa fuq valur li l-istess Registratur stabilixxa bl-aktar mod arbitrarju.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, r-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara nulla, irritwali, u inattendibbli t-taxxa tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji rilaxxata mill-intimati Registratur tal-Qrati u Tribunali u d-Direttur Generali (Qrati) fil-kawza deciza minnha stess nhar it-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fl-ismijiet Tum Invest Limited vs. S.C. & Company Ltd (Rikors Numru 594/2019 GM)[2];

2. Tordna lill-istess intimati sabiex jaghmlu u johorgu taxxa gdida li tigi limitata biss ghad-decizjoni fuq bazi ta' punt ta' ligi u minghajr drittijiet ad valorem.

[1] Emendata b'digriet tat-23 ta' Settembru 2020.
[2] Data, okkju u rikors numru emendati b'digriet tat-23 ta' Settembru 2020.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-**risposta tal-Avukat Richard Galea Debono** ippreżentata fil-31 ta' Lulju 2020 fejn eċċepixxa illi r-rikorrent m'għandux l-interess ġuridiku li jaġixxi f'ismu proprju billi hu ma kienx parti fil-kawża; u in kwantu dan qed jippretendi li jaġixxi għan-nom tas-soċjeta' S C & Company Limited, dan mhux awtorizzat li jaghmel hekk billi l-memorandum and articles tal-kumpanija jagħtu r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-kumpanija lil żewġ diretturi; ġie eċċepit ukoll li t-taxxa maħruġa hija korrettement maħduma ad valores.

Rat ir-**risposta ta' Tum Invest Limited u tal-Avukat Michael Grech** ippreżentata fis-6 t'Awwissu, 2020 fejn jingħad kif ġej:

Illi din ir-risposta qed issir in ottemperanza mad-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti datat 13 ta' Lulju 2020 u dan wara rikors ta' Salvatore Cutajar f'ismu proprju u ghan-nom tal-Kumpanija S.C. & Company Ltd pprezentat fit-12 ta' Lulju 2020;

Illi l-esponenti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba ta' Salvatore Cutajar li saret f'ismu proprju u ghan-nom tal-Kumpanija S.C. & Company Ltd u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi preliminarjament jigi rrilevat illi ma kien hemm ebda kawza Tum Investment Limited vs S.C. & Company Ltd. Fil-fatt jidher li ma tezisti ebda kumpanija bl-isem Tum Investment Limited u t-taxxa li r-rikorrenti qed jipprova jattakka hija dik tal-kawza fl-ismijiet TUM Invest Limited vs. S.C. & Company Ltd – L-okkju jidher car kemm mit-taxxa inniffisha, kemm mill-process tal-kawza in kwistjoni u kif ukoll mid-decizjoni innifisha. Di piu ir-rikors numru li hemm indikat fir-rikors tar-rikorrenti ossia 494/2019 GM ukoll ma hux tal-kawza li t-taxxa taghha qed tigi attakkata. Il-kawza fl-ismijiet TUM Invest Limited vs. S.C. & Company Ltd ghandha n-numru 594/2019 u mhux 494/2019. Fil-fatt l-uniku kawza Prim'Awla li ghandha n-numru 494/2019

tirreferi ghall-kawza fl-ismijiet ELECTRO FIX LIMITED vs W&M ZAMMIT TABONA LIMITED li tinsab pendenti u li qieghdha tinstema mill-Onor. Imhallef Lawrence Mintoff;

2. Illi sahansitra t-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa stante li r-rikorrenti qed jitlob li tigi ddikjarata null, irritwali u inattendibbli "*taxxa tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji rilaxxata mill-intimati Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali u d-Direttur Generali (Qrati) fil-kawza deciza minnha stess nhar l-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) fl-ismijiet Tum Investment Limited vs S.C. & Company Ltd (Rikors Numru 494/2019GM)*":

a. Jigi rrilevat illi din il-kawza giet deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u mhux mir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali u d-Direttur Generali (Qrati) kif jaghti l-impressjoni ir-rikorrenti meta jghid "*fil-kawza deciza minnha stess*";

b. Di piu kif jidher minn ricerka li saret fuq is-sistema *E-Courts* (Dok. A anness), fl-**4 ta' Dicembru 2012**, ma kien hemm ebda decizjoni fl-ismijiet *Tum Investment Limited vs S.C. & Company Ltd (Rikors Numru 494/2019GM)*. Fil-fatt filwaqt li, kif diga gie rrilevat iktar 'il fuq, ma tezisti ebda kawza f'dawn l-ismijiet u u li ghandha n-numru 494/2019 – Il-kawza li hemm u li ghaliha tirreferi t-taxxa li qed tittenta li tigi impunjata hija dik relatata mal-kawza *Tum Invest Limited vs S.C. & Company Ltd (Rikors Numru 594/2019GM)* u li giet deciza fit-**tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020)**;

c. Illi konsegwentement din l-ewwel talba ma tistax tintlaqa' u ghandha tigi michuda;

3. Illi, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, Salvatore Cutajar f'ismu personalment **<u>ma ghandux locus standi biex jippromwovi tali rikors</u>**. Salvatore Cutajar qatt ma kien parti mill-kawza Tum Invest Ltd vs. S.C. & Company Limited (Rikors Guramentat numru 594/2019GM). Illi fil-kawza in kwistjoni l-attrici kienet is-socjeta Tum Invest Ltd filwaqt li s-socjeta S.C. & Company Limited kienet is-socjeta konvenuta.

Ir-rikorrenti odjern Salvatore Cutajar, fil-kwalita tieghu personali, ma ppartecipa bl-ebda mod fil-kawza, ossia la bhala attur, la bhala konvenut, la bhala kkjamat fil-kawza u l-anqas bhala intervenut. L-istess rikorrenti kellu kull opportunita li jitlob li jintervjeni *in status et terminus* izda naqas milli jaghmel dan u ghalhekk ma jistghax jippretendi issa li jikkontesta taxxa ta kawza li huwa ma kienx parti minnha.

Konsegwentement Salvatore Cutajar fil-kwalita tieghu personali m'ghandux locus standi sabiex jippromwuovi dan ir-rikors;

4. Illi inoltre Salvatore Cutajar **ma setax l-anqas jintavola dan ir-rikors ghan-nom ta' S.C. & Company Limited**:

a. Primarjament jigi rrilevat illi s-socjeta S.C. & Company Limited hija socjeta li ghandha personalita guridika u konsegwentement setghat tintavola dan ir-rikors f'isimha personali u mhux direttur f'isem is-socjeta;
b. Di piu, dan ir-rikors ma setax jigi intavolat f'isem S.C. & Company Limited minn Salvatore Cutajar u dan stante li skond il-Memorandum and Articles of Association ta' l-istess socjeta (Dok. B anness) ir-rapprezentazzjoni legali u gudizzjarja tinsab vestiti fiz-zewg diretturi ossia Salvatore Cutajar u MarJohn Cutajar;
c. Di piu ma gietx pprezentata xi rizoluzzjoni tal-azzjonijisti li turi li l-azzjonisti jew maggoranza taghhom taw il-permess lil Salvatore Cutajar sabiex jintavola dan ir-rikors minnu ghan-nom tas-socjeta S.C. & Company Limited;

Illi konsegwentement Salvatore Cutajar ma kienx awtorizzat u ghalhekk ma setghax jintavola dan ir-rikors ghan-nom tas-socjeta S.C. & Company Ltd;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, ir-rikors ta' Salvatore Cutajar f'ismu personali u ghan-nom ta' S.C. & Company Limited ukoll ghandu jigi michud stante li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti:

a. Illi ai termini tal-paragrafu 13 u 14 tat-Tariffa E tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta:

**13.** Għal kull sentenza definittiva:

| | | |
|---|---|---|
| (i) | dwar l-ewwel €1,164.69 jew parti minnha ...................................... | €46.59 bħala l-inqas dritt jew 10% skont liema jkun l-ogħla |
| (ii) | dwar kull valur ’il fuq mill-ewwel €1,164.69 sa €23,293.73 għal kull €232.94 .................................. | €6.99 |
| (iii) | dwar kull valur ’il fuq minn €23,293.73 għal kull €232.94 ..... | 2.33 |

Iżda d-dritt fuq it-talbiet imsemmija fin-Nru. 7 (*b*) tat-Tariffa A, għandu jkun intaxxat fuq nofs il-massimu iffissat bil-liġi għall-penali ikkontemplata fiha.

**14.** Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta’ xi punt ta’ liġi jew ta’ fatt, ikollha x’taqsam ma’ valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.

b. Illi gie ritenut mill-Qrati nostrani illi:

*“Fil-fatt, huwa paċifikatament ritenut illi għall-fini ta’ intaxxar ta’ spejjeż ġudizzjarji, sabiex wieħed iqis jekk it-talba li tkun saret fil-kawża li dwarha trid tinħadem it-taxxa, twassalx għal dan l-imsemmi passaġġ ta’ flus jew fondi jew trasferiment ta’ proprjetà kif hawn fuq imfisser, b’“talba” wieħed għandu jifhem il-qofol tal-kwistjoni mqanqla bil-proċess ġudizzjarju, u mhux sempliċement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Dan ifisser illi meta mill-hekk imsejħa massa litiġjuża, ikun jidher x’inhu l-valur tal-pretensjoni tal-attur, allura t-tassazzjoni għandha ssir fuq dak il-valur, avolja d-domanda tkun għal somma li għandha tiġi likwidata.*

*Il-prinċipju illi l-valur tal-proċess jista’ jiġi stabbilit mhux biss mill-att promotur tal-kawża imma minn kull tagħrif jew prova li jinsab fl-atti, jinsab assodat minn dak li kkonkludiet il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza*

*tagħha fl-ismijiet* ***Frances sive Franca Camilleri vs Direttur Qrati, Tribunal ta' Malta noe et*** *(fn. 11 Deċiża 1 ta' Lulju 2013), fejn qalet hekk in propositu:-*

*"Illi ta' min jgħid ukoll li t-Tariffa li tiggwida l-likwidazzjoni ta' dritt dovut lil avukat f'kawża li fiha tkun ingħatat deċiżjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, tgħid li dik id-deċiżjoni tiġi intaxxata ad valorem jekk kemm-il darba "jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess" (fn. 12 Par. 14, Tariffa "E" tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12) ... ... Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser ukoll li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhus biss mill-att promotur, imma minn kull tagħrif jew prova li tinsab fl-atti."*

*Effettivament, l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 li saret referenza għalih fis-sentenza appena ċitata, jiddisponi li:-*

*"Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi* ***jew mill-proċess****, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit." [enfasi tal-Qorti]"*[3]

c. Illi l-kaz odjern kien jirrigwarda trasferiment ta' proprjeta' u jeddijiet marbutin ma konvenju dwar trasferiment ta' proprjeta'. Inoltre il-kawza kellha x'taqsam ma valur determinat mill-process, ossia l-ammont indikat fil-konvenju. Konsegwentement kien korrett ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali meta hadem it-taxxa skond il-valur tal-proprjeta' indikata fil-konvenju;

---

[3] Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Rachel Montebello, datata 14 ta' Mejju 2019, kif konfermata mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), Onor. Imhallef Lawrence Mintoff, ***Pietro Blasina u b'digriet tal-10 ta' Ġunju 2014 stante l-mewt ta' Pietro Blasina fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju ġie trasfuż għal fuq isem uliedu Sara Blasina u Mirta Blasina (l-appellanti) vs. Xini Holdings Limited (C38234) kif ukoll Luisa Pedroni sive Pedroni Blasina għal kull interess li jista' jkollha, u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2016 l-Avukat Dr Noel Cutajar u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia ġew nominati bħala kuraturi in rappreżentanza tas-soċjetà*** *Xini Holdings Limited* **(l-appellati),** Deciza 12 ta' Gunju 2020, Appell Inferjuri Numru: 358/2017/3 LM;

d. Illi inoltre f'dan il-kaz il-valur kien jirrizulta b'mod car mid-dokumenti li gew annessi, senjatament mill-konvenju datat 21 ta' Mejju 2016 li gie anness u mmarkat bhal Dok. TIL 1 mar-rikors guramentat;

e. Illi konsegwentement ma hux minnu, kif allegat mir-rikorrenti, li r-Registratur stabbilixxa l-valur b'mod arbitrarju izda l-valur kien determinat mill-process u cioe mill-konvenju surreferit;

Ghaldaqstant filwaqt li r-Registratur hadem it-taxxa b'mod korrett, l-argumenti mressqa mir-rikorrenti sabiex tigi impunjata it-taxxa in kwistjoni huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti;

6. Illi fir-rigward tat-tieni talba l-intimati esponenti ma humiex il-legittimi kontradittturi u dan stante li l-intimati ma jistghux jaghmlu u/jew johorgu taxxa gdida kif qed jitlob ir-rikorrenti;

7. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati esponenti m'ghandhom qatt jigi assoggettati ghall-ispejjez tar-rikors intavolat mir-rikorrenti u dan stante li t-taxxa li qed tigi attakata ma tigix mahduma mill-intimati esponenti;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, l-intimati esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Rat ir-**risposta tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali** ppreżentata fis-7 t'Awwissu, 2020 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi din hija kawża ta' ritassa magħmula mir-rikorrenti rigward il-kawza 594/19GM fl-ismijiet TUM INVEST LIMITED vs S.C. & COMPANY LIMITED deciza fit-13 ta' Marzu 2020. L-eċċipjenti jissottometti illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda *inter alia* minhabba s-segwenti ragunijiet:

2. Illi preliminarjament, fl-ewwel lok u bla pregudizzju jinghad illi Salvatore Cutajar f'ismu proprju m'ghandu ebda *locus standi* stante li huwa f'ismu personalment ma kienx parti fil-proceduri in meritu.

3. Illi fit-tieni lok u wkoll bla pregudizzju, ai termini tal-artikolu 64(2) tal-Kap 12 kellhom jigu ukoll kjamati in kawza il-partijiet kollha interessati inkluz allura l-Prokuraturi Legali fil-kawza in meritu, li ma sarx u kwindi din il-procedura anke minn dan il-lat hija monka.

4. Illi fil-meritu jinghad illi t-taxxa mahduma mir-Registratur ghal din il-kawza hija koretta u dan ghar-ragunijiet li gejjin:

5. Illi il-kawza li taghha qed tintalab ir-ritassa hija dwar talbiet sabiex is-socjeta konvenuta f'dik il-kawza tersaq u taddivjeni ghat-tigdid u estensjoni ta' konvenju u biex l-istess socjeta konvenuta tersaq u taddivjeni ghall-att finali ta' bejgh u trasferiment tal-proprjeta imsemmija fil-konvenju li l-valur taghha kien jammonta ghal Eur 6,057,000.

6. Illi s-socjeta konvenuta ammettiet it-talbiet kollha b'nota pprezentata fl-14 ta' Ottubru 2019 (Fol. 32 tal-process 594/19).

7. Illi s-socjeta attrici f'dik il-kawza cediet it-talbiet relatati mal-att finali u cjoe t-talbiet enumerati 6 sa 16.

8. Illi f'dak li ghandu x'jaqsam ma' dritt ta' avukat, ghandu jinghad illi t-taxxa fuq l-ezekuzzjoni ta' konvenju hija taxxabbli *ad valorem* ghaliex ikun qed jintalab it-trasferiment ta' proprjeta`. Di fatti huwa risaput "illi mill-prattika li ilha mwaqqfa ghal zmien twil, it-tassazzjoni *ad valorem* hija ibbazata fuq talbiet li jwasslu ghall-passagg ta' flus jew fondi jew ghat-trasferiment ta' proprjeta' jew jeddijiet marbutin ma' dan." (Kollez.Vol: LI.ii.811).

9. Illi ghalhekk id-dritt tal-avukat gie intaxxat skont il-para. 13 u 14 tat-Tariffa E annessa mal-Kodici tal-Procedura (Kap. 12) u d-dritt tar-Registru skont il- para.3(4) tat-Tariffa A annessa mal-istess Kodici.

10. Illi peress li t-talbiet gew ammessi u/jew ceduti gew applikati l-paragrafi relattivi tat-Tariffi A u E sabiex dawn l-azzjonijiet jigu riflessi fit-taxxa. B'hekk id-dritt tar-registru gie mnaqqas b'25% kif jghid il-para. 5(1) (Tariffa A) u d-dritt tal-avukat u prokuratur legali mnaqqsa b'terz skont l-para. 30 tat-Tariffa E.

11. Illi ghalhekk jirrizulta li t-taxxa mhejjija ghal-kawza 594/2019 hija korretta u ghandha tigi kkonfermata.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat illi b'digriet tas-17 t'Awwissu 2020 il-Qorti ordnat il-kjamat in kawża tal-PL Joeline Pace Ciscaldi u l-PL Jean Pierre Busuttul;[4]

Rat illi b'digriet tas-17 t'Awwissu 2020 il-proċess tal-kawża fl-ismijiet **Tum Invest Limited vs. S.C. & Company Limited** (Rik Ġur 594/2019) deċiża fit-12 ta' Marzu 2020 ġie allegat mal-kawża odjerna;

Rat illi PL Jean Pierre Busuttil għamel tiegħu l-eċċezzjonijiet imressqa minn Dr. Galea Debono filwaqt li PL Joeline Pace Ciscaldi għamlet tagħha l-eċċezzjonijiet imressqa minn Dr. Michael Grech;[5]

[4] Paġna 28 tal-proċess.

[5] Verbal tat-23 ta' Settembru 2020, paġna 34 tal-proċess.

Rat illi l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li hemm qbil li dak li xehed dwaru s-Sur Sciriha fl-affidavit tiegħu tat-8 ta' Novemburu 2021 fir-rigward tad-dritt tal-Avukat, japplika wkoll għad-dritt tal-Prokuratur Legali u dan fir-rigward tal-metodoloġija adoperata fil-kalkolazzjoni tad-drittijiet dovuti;[6]

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;[7]

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Fatti pertinenti għall-każ**

Fis-17 ta' Ġunju 2019 is-soċjetà Tum Invest Limited intavolat proċedura kontra s-soċjetà S.C. & Company Limited. L-iskop wara dik l-azzjoni kien sabiex is-soċjetà S.C. & Company Limited testendi l-konvenju tal-21 ta' Mejju 2016, li permezz tiegħu l-imsemmija socjetà obbligat ruħha li tbiegħ, iċċedi, tassenja u titrasferixxi favur is-soċjetà Tum Invest Limited biċċa art indikata f'dik l-azzjoni. Din il-Qorti diversament preseduta rat in-nota t'ammissjoni tas-soċjetà S.C. & Company Limited ippreżentata fl-14 t'Ottubru 2019 u rat ukoll li s-soċjetà Tum Invest Limited ċediet it-talbiet min-numru 6 sa numru 16. Kien għalhekk li fuq l-ammissjoni tas-soċjetà S.C. & Company Limited il-Qorti għaddiet sabiex laqgħet l-ewwel ħames talbiet. Ordnat ukoll li l-ispejjeż tal-kawża, inkluż tal-ittra uffiċċjali bin-numru 1812/2019 jiġu mħallsa mis-soċjetà S.C. & Company Limited.

In segwietu għal din id-deċiżjoni, ir-Reġistratur tal-Qorti għadda sabiex fit-2 ta' Ġunju 2020 ikkomputa t-taxxa tal-ispejjeż tal-kawża billi d-dritt Reġistru ġie likwidat bħala Nil filwaqt id-ditt avukat ġie likwidat fis-somma ta' €40,994.93 u tal-prokuratur legali fis-somma ta' €13,664.98.

[6] Paġna 172 tal-proċess.
[7] Paġna 173 et seq tal-proċess.

Skond ir-rikorrenti r-Reġistratur kellu jaħdem l-intaxxar tal-kawża fuq punt ta' liġi u mhux *ad valorem*.

Għaldaqstant l-attur  proprio et nomine qiegħed jitlob li t-taxxa kif maħduma mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u d-Direttur Ġenerali (Qrati) għandha tiġi dikjarata "nulla, irritwali u inattendibbli" u tordna li tinħareġ taxxa ġdida.

Ikkunsidrat;

**Provi dokumentarji**

L-Avukat Dr. Richard Galea Debono ippreżenta provi dokumentarji inkluż kopja tal-minuti ta' *Extraordinary General Meeting* li nżamm mis-soċjetà S.C. & Company Limited fil-15 t'Awwissu 2020. Preżenti għal dik il-laqgħa kien hemm Marjohn Cutajar, Leonarda Cutajar, Joseph Cutajar, Leonard Cutajar, Mary Rose Bristow u Michael Cutajar. F'din il-laqgħa ġie konkluż li "'*Salvatore Cutajar 375142M of 5 Verdemar Park Falt 9 Triq il-Bajja tas-Salini Salina Naxxar is not a person fit and proper to act as a Director of this Company and is being removed with immediate effect*'."[8] Din ir-riżoluzzjoni għaddiet b'ħamsa u sittin fil-mija (65%) tal-azzjonisti tal-kumpanija. Ġie konkluż ukoll li Leonard Cutajar għandu jkun id-direttur il-ġdid, għaldaqstant ir-rappreżentazzjoni legali tal-kumpanija għaddiet b'mod konġunt f'idejn Marjohn Cutajar u Leonard Cutajar.

Dan it-tibdil ġie fis-seħħ b'effett mill-15 t'Awwissu 2020.

Il-*Memorandum of Association* li jirregola r-rappreżentanza tal-kumpanija issa ġie jaqra hekk: "*The Company shall be jointly represented legally by the two Directors, Marjohn Cutajar [...] and Leonard Cutajar [...]*"[9]. Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji ġie informat b'din il-bidla bis-saħħa tal-Formola K[10].

[8] Pagna 38 tal-process.
[9] Pagna 46 tal-process.
[10] Paġna 42 tal-proċess

Min-naħa tiegħu l-attur ippreżenta kopja legali ta' numru ta' *Annual Returns* ippreżentati lir-Reġistratur tal-Kumpaniji. Minn dawn id-dokumenti jidher li Salvatore Cutajar kien inħatar direttur tal-kumpanija flimkien ma' Marjohn Cutajar fis-sena 2014 u baqgħu jidhru bħala diretturi sas-7 ta' Settembru 2019, id-data ta' meta saret ir-*return* u l-aħħar *return* li ppreżenta l-attur. L-attur ippreżenta wkoll il-*Memorandum of Association* tal-kumpanija konvenuta ta' Ġunju 2014 li jispeċifika li "*The Company shall be jointly represented both legally and judicially by the two Directors, Salvatore Cutajar [...] and Marjohn Cutajar [...]*".

**Provi viva voce**

Bħala xhieda viva voċe din il-Qorti semgħet lil **Emanuel Scriha**, Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili. Huwa spjega li l-kawża li tagħha qiegħda tintalab ritassa, ċioe r-Rikors Ġuramentat 594/2019GM, kellha talbiet sabiex il-partijiet jersqu fuq estensjoni ta' konvenju kif ukoll talbiet saiex il-partijiet jersqu għall-att finali.

Skont il-konvenju l-proprjetà kienet ser tinbiegħ għal sitt miljuni u sebgħa u ħamsin elf Ewro (€6,057,000) u kien għalhekk li t-taxxa nħadmet fuq dak il-valur. Għal mistoqsija jekk fit-taxxa ġewx inklużi wkoll it-talbiet li huma relatati biex jaddivjenu għall-att pubbliku, liema talbiet ġew ċeduti, ix-xhud jgħid li "iva gie rifless". Ix-xhud jgħid li wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn talba għal estensjoni ta' konvenju weħidha fejn għal finijiet ta' taxxa tal-ispejjeż dak huwa konsidrat punt tal-liġi u bejn talba - bħal dik tal-kawża in kontestazzjoni – mhux biss għal estensjoni iżda wkoll sabiex jersqu għall-kuntratt finali.

B'nota tal-14 ta' Ottubru 2019 is-soċjeta' S C & Co. Ltd ammettiet it-talbiet attriċi.

Is-soċjeta' Tum Invest Limited b'nota preżentata fit-12 ta' Marzu 2020 cediet it-talbiet attriċi bin-numri minn sitta (6) sa sittax (16) u talbet li tingħata sentenza fuq it-talbiet mhux ċeduti iżda ammessi.

Il-Qorti ippronunzjat is-sentenza fuq it-talbiet min-numru 1 san-numru 5 fit-12 ta' Marzu 2020.

Is-Sur Sciriha ikkonferma li n-nota t'ammissjoni saret wara li ingħata d-digriet kamerali li permezz tiegħu ġiet appuntata l-kawża għas-smiegħ iżda qabel l-ewwel smigħ u ċioe' l-24 t'Ottubru 2019. Spjega li għat-taxxa jieħdu qies ta' meta saret l-ammissjoni u mhux ta' kemm il-seduta saret nonostante li kien hemm ammissjoni.

Is-Sur Sciriha kompla jagħti x-xhieda tiegħu permezz t'affidavit fejn spjega li l-prezz tal-proprjetà mertu tal-kawża in kontestazzjonijiet kif jirriżulta mill-0atti kien ta €6,057,000. Id-dritt sħiħ tal-avukat mingħajr tnaqqis kien €61,117.40 iżda skond it-taxxa attakkata ġie ridott b'terz biex b'hekk id-dritt t'avukat intaxxat ammonta għal €40,744.93.

Ix-xhud spjega li in vista li t-talbiet attriċi ġew ammessi qabel l-ewwel smigħ kellu japplika l-**paragrafu 29 tat-Tariffa E tal-Kapitolu 12** fejn jipprovdi fost oħrajn li "***fil-każ ta' ammissjoni f'kull stadju qabel ma jibda s-smigħ tal-kawża, jingħataw nofs id-drittijiet stabbiliti fil-paragradu 13 meta l-kawża tkun taxxabbli ad valorem.***"

Ikkonkluda billi qal li fl-opinjoni tiegħu d-dritt sħiħ tal-avukat kellu jitnaqqas bin-nofs u mhux b'terz biex b'hekk "id-dritt fuq it-talba li qed tigi intaxxata ad valorem kellu jkun ta' €30,558.70 u wara li zzid it-taxxa tat-talbiet l-ohra kollha d-dritt tal-avukat ghandu jkun ta' €30,808.07."[11]

Ikkunsidrat;

[11] Paġna 171 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

In linea preliminari l-konvenuti kollha eċċipew in-nuqas ta' *locus standi* ta' Salvatore Cutajar sabiex jaġixxi f'ismu personali kif ukoll sabiex jaġixxi għan-nom tas-soċjeta attriċi.

Sabiex jirribatti tali eċċezzjonijiet l-attur fit-trattazzjoni finali għamel referenza għall-**Artikolu 64 tal-Kapitolu 12**.

Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> "(1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-Reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.
>
> (2) Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta.
>
> (3) Il-proċeduri bil-miktub li għandhom x'jaqsmu mar-rikors għandhom jitqiesu magħluqin meta ssir ir-risposta jew jekk din ma ssirx, meta jagħlaq iż-żmien mogħti għaliha. Il-partijiet għandhom jiġu notifikati bid-data meta jkun ser jinstema' r-rikors."

In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla mogħtija fit-23 ta' April 2013 fl-ismijiet **Amedeo Barletta noe et vs. L-Awtorita tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta** (Rik Ġur 273/2012) fejn ingħad hekk:

> “Illi l-Qorti tqis li meta wieħed iħares lejn is-siwi ta` eċċezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l-interess ġuridiku tal-parti attriċi li ssostni l-kawża, wieħed irid iżomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta u mal-prinċipji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu meħtieġ biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta` utilita` u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd (Ara App. Ċiv. 13.2.1953 fil-kawża fl-ismijiet Manche` vs Montebello (Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex ipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi (P.A. 7.1.1953 fil-kawża fl-ismijiet Camilleri vs Sammut (Kollez. Vol: XXXVII.ii.605).”

Fis-sentenza **John Muscat et vs. Rachelle Buttigieg et** (27 ta’ Marzu 1990) din il-Qorti diversament preseduta irrikonoxxiet li

> “L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta’ l-ezistenza ta’ dritt u l-vjolazzjoni tieghu; b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda lill-attur, hlief l-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta’ vjolazzjoni ta’ dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f’kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta’ dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur.”

Fis-sentenza **Nike Ventures Limited et vs. John Patrick Hayman et** (Ċit Nru 378/2009) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta’ Settembru 2014 fejn b’referenza għal deċiżjonijiet oħra rrimarkat li

> “Il-Qorti tirrimarka li l-interess tal-attur fl-azzjoni jezisti meta l-attur juri li permezz tal-azzjoni jista` jipprokura xi rizultat vantaggjuz jew skop utili. L-attur irid juri illi ghall-esercizzju tad-dritt tieghu ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti (“**Bartoli pro et noe vs Zammit Tabone et**” – Qorti tal-appell – 24 ta` Marzu 1961). L-interess huwa l-mizura ta` l-azzjoni. Dan l-interess ghandu karattru personali jigifieri illi l-

vjolazzjonijiet biss ghad-drittijiet li jappartjenu lill-atturi jawtorizzawh li jezercita l-azzjoni. U dan l-interess, ikun x`ikun, morali jew pekunarju, irid ikun dejjem guridiku, jigifieri, korrispondenti ghal-lezjoni tal-veru dritt ; u jrid ikun dirett jew derivanti minn kawza korrelattiva mal-persuna li tagixxi, kif ukoll irid ikun legittimu u attwali. Ir-rekwizit ta` l-interess huwa ndispensabbli ghall-proponibilita` ta` domandi fi kwalunkwe sede kontenzjuza ; huwa l-bazi tal-azzjoni u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tigi pretiza ("**Camilleri et vs Sammut et**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 7 ta` Jannar 1953)."

Il-kawża li tagħha qed tiġi kkontestata t-taxxa tal-ispejjeż ġiet intavolata minn Tum Invest Limited kontra S.C. & Company Limited.

Fiż-żmien li ġiet intavolata l-kawża 594/19GM Salvatore Cutajar kien direttur tas-soċjeta' konvenuta f'dik il-kawża. Dik il-kawża kienet ġiet intavolata fis-17 ta' Ġunju 2019 mentri Salvatore Cutajar ġie mneħħi minn direttur b'riżoluzzjoni tat-12 ta' Ottubru 2019.

**Interess Ġuridiku fit-Taxxa tal-Ispejjeż mhux ekwivalenti għal Interess Ġuridiku fil-Mertu tal-Kawża.**

Eżami tal-**artikolu 64 tal-Kap. 12** juri illi mhux mogħti biss lill-partijiet f'kawża illi jikkontestaw it-taxxa tal-ispejjeż maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti. Tant hu hekk illi r-rikors li jattakka taxxa għandu jiġi notifikat mhux biss lill-partijiet fil-kawża li t-taxxa tal-ispejjeż tagħha tkun qed tiġi attakkata iżda wkoll lil kull min għandu interess f'dik it-taxxa anke jekk m'għandux interess ġuridiku fil-mertu tal-kawża.

Għalhekk hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi ma jsegwix illi għaliex Salvatore Cutajar ma kienx wieħed mill-partijiet f'dik il-kawża allura awtomatikament m'għandux interess ġuridiku li jattakka dik it-taxxa.

Jidher illi lill-konvenuti sfuġġilhom il-fatt illi matul il-laqgħa ġenerali tas-soċjeta' S C and Company Limited tat-12 ta' Ottubru 2019 il-maġġoranza tal-azzjonisti, inkluż iż-żewġ diretturi li issa għandhom ir-rappreżentanza tal-kumpanija, għaddew riżoluzzjoni "To hold Salvatore Cutajar responsible for any costs and other damages which the Company may have incurred through is refusal and to debit this sum with interest against any eventual share owing to him in the event of the Company's liquidation."[12]

Ċertament illi Salvatore Cutajar għandu jinteress illi jattakka it-taxxa in kwistjoni mhux biss għaliex kien direttur u azzjonist tal-kumpanija meta ġiet intavolata dik il-kawża iżda aktar u aktar tenut kont li l-istess soċjeta ġia irriżolvit illi l-ammont ta' spejjeż ġudizzjarji li s-soċjeta' ser tkun esposta li tħallas minħabba dik il-kawża ser jitnaqqsu mill-ammonti dovuti lil Salvatore Cutajar personalment fl-eventwalita' li l-kumpanija tiġi xolta.

Għalhekk il-Qorti tqis illi l-eċċezzjonjiet li jeċċepixxi in-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-attur Salvatore Cutajar personalment ma humiex fondati u qed jiġu respinti.

Fit-rigward jekk Salvatore Cutajar setax ukoll jintavola dawn il-proċeduri mhux biss f'ismu personali iżda wkoll f'isem il-kumpanija; il-Qorti tqis illi una fit-2 ta' Lulju 2020, id-data li fiha ġiet intavolata l-kawża odjerna Salvatore Cutajar ma kienx għadu direttur u allura svestit minn kwalunkwe rappreżentanza legali tal-kumpanija, ma setax jekk mhux bil-mezz ta' riżoluzzjoni tal-kumpanija, jirrapreżenta l-istess kumpanija u jistitwixxi kawża f'isimha.

Għalhekk l-eċċezzjonijiet illi Salvatore Cutajar ma setax jintavola din il-kawża għan-nom tas-soċjeta' S C & Company Limited huma fondati.

[12] Paġna 23 tal-proċess tal-kawża 594/19GM

Ikkunsidrat;

Fil-mertu l-Qorti tosserva li t-tassazzjoni *ad valorem* tissejjes fuq talbiet li jwasslu għall-passaġġ ta' flus jew fondi jew għat-trasferiment ta' proprjetà jew jeddijiet marbutin ma' dan. Ġie ritenut illi "meta l-massa litiguża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni għandha tiġi regolata fuqu; jiġifieri għandu jigi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem ..."[13]

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-paragrafu 14 tat-Tariffa E tal-Kapitolu 12 li jiddisponi li

> "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, **ikollha x'taqsam ma' valur determinat** jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit"

Huwa għaldaqstant ċar li meta jkun hemm valur determinat, bħal ma kien il-mertu tal-każ **Tum Invest Limited vs. S.C. & Company Ltd** (Rikors Numru 594/2019), l-intaxxar ta' spejjeż ġudizzjarji ssir fuq dak il-valur.

Ir-Reġistratur għaldaqstant kien korrett meta ħadem it-taxxa fil-kawża imsemmija fuq il-valur tal-proprjeta' kif jemerġi mill-konvenju u mhux fuq punt ta' liġi kif jippretendi l-attur.

Fil-fatt fis-sentenza **Speranza Gatt et vs. Avukat Dottor Albert Libreri et** (Rik Nru 512/2010) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2010 ingħad li:

---

[13] **Carmelo Axiak vs. Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Frar 1951. Fl-istess sens ara d-deċiżjoni fl-ismijiet **Av. Leslie Grech nomine vs. Frank Abela et** (Ċit Nru 1252/1985), deċiża mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili fil-25 ta' Jannar 2002.

"[...] l-proċedura maħsuba biex wieħed jattakka taxxa ġudizzjarja għandha titqies bħala waħda speċjali li tirnexxi biss fejn u jekk kemm-il darba jintwera li jkun hemm iċ-ċirkostanzi xierqa li jwasslu lill-Qorti biex tordna lir-Reġistratur jerġa' jwettaq sewwa l-funzjoni tiegħu. Għall-kuntrarju ta' sentenza jew degriet, it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji m'hijiex att tal-Qorti, imma att tar-Reġistratur. Bħala tali, l-azzjoni maħsuba biex tattakka taxxa bħal dik tista' titqies bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju fejn il-Qorti tgħarbel il-kriterji mħaddma mir-Reġistratur u tqishom fid-dawl tal-liġi fis-seħħ bla ma tgħaddi hi biex twettaq dik il-funzjoni. Huwa għalhekk li f'każ fejn parti jseħħilha turi raġunijiet tajba biex twaqqa' taxxa ġudizzjarja maħruġa mir-Reġistratur, il-Qorti tagħti ordni lill-istess Reġistratur biex jagħmel dik it-taxxa mill-ġdid."

Il-Qorti tqis illi fir-rigward tat-talbiet attriċi fejn jitolbu kundanna sabiex is-soċjeta' konvenuta tersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali, id-drittijet tal-avukati u tal-prokuraturi legali kellu jitkejjel *ad valorem* kif isostnu l-konvenuti inkluż ir-Reġistratur tal-Qorti u mhux sempliċement bħala punt ta' liġi kif jippretendi l-attur.

Li sar ħażin fit-taxxa attakkata pero' hu illi id-dritt tal-avukat ġie ridott b'terz u mhux b'nofs.

Dan qed jingħad għaliex kif tajjeb xhed ir-Reġistratur ta' dak iż-żmien Emanuel Sciriha, skond **paragrafu 29 tat-Tariffa E annessa mal-Kap. 12** li tirregola d-drittijiet tal-avukati f'każ ta' ammissjoni qabel jibda s-smiegħ id-drittijiet tal-avukati stabbiliti fil-paragrafu 13 meta l-kawża tkun taxxabbli ad valorem għandu jitnaqqas bin-nofs u mhux f'terz kif ġara fil-komputazzjoni tat-taxxa impunjata.

Konsegwentement tqis illi għandu parzjalment raġun l-attur fl-ewwel talba tiegħu jitlob dikjarazzjoni li t-taxxa hija irritwali.

Fir-rigward tat-tieni talba attriċi, għar-raġunijiet fuq mogħtija il-Qorti ma tqisx li l-attur għandu raġun jitlob li t-taxxa tinħadem fuq punt ta' liġi u għalhekk tali talba qed tiġi respinta.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu eċċepew li Salvatore Cutajar personalment m'għandux interess ġuridiku jintavola l-kawża odjerna;

2. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu eċċepew illi Salvatore Cutajar ma kellux ir-rappreżentanza legali tas-soċjegta' S C & Company Limited sabiex jintavola l-kawża odjerja;

3. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba u tiddikjara illi t-taxxa tad-drittijiet u l-ispejjeż tal-kawża Tum Invest Limited vs S C and Company Ltd deċiża fit-12 ta' Marzu 2020 (Rik Ġur 594/19GM) hija irritwali u għalhekk tħassarha għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

4. Tilqa' in parte t-tieni talba attriċi in kwantu intalab li tinħareġ taxxa tal-ispejjeż mill-ġdid.

5. Tiċħad in parte t-tieni talba in kwantu talbet li t-taxxa l-ġdida tinħadem a bażi ta' punt ta' liġi u mhux ad valorem.

6. Tordna li t-taxxa tal-ispejjeż il-ġdida għandha tinħadem fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula.

Tenut kont it-telf u r-rebħ rispettiv tal-partijiet il-Qorti tordna li l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
24 ta' Frar 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**